# IL-MALTI

QARI LI TOĦROĠ IL-GĦAQDA
TAL-KITTIEBA TAL-MALTI

ĠUNJU
1961


# *IL-KOSTITUZZJONI L-ĠDIDA — L-ILSIEN MALTI*

*"IL-GĦAQDA tal-Kittieba tal-Malti" qatt ma ndaħlet fil-pulitka u matul l-erbgħin sena li ilha mwaqqfa hi qatt ma mielet lejn partiti jew qabdet polemiki politiċi, anqas meta kienet maqrusa jew imkesksa. Ġew żminijiet meta dawk li kienu fil-ħakma jew dawk li kienu jmexxu t-tagħlim, naqsu lill-"Għaqda" u ma tawx widen għat-twissijiet tagħha, iżda l-"Għaqda" tagħna ma tmeżmetx u anqas għadbet, hi baqgħet sejra 'l quddiem fil-fehma tagħha u bil-għaqal, bis-sabar u bil-ħrara, bla ġlied u bla tagħjir, issoktat tħabrek biex tagħmel ġid lill-ilsien tagħna, tid-defendih, tgħollih fil-post li jixraqlu bħala ilsien nazzjonali tagħna.*

*Għalhekk ma satax jonqos li l-"Għaqda" ma tinteressax ruħha fil-kostituzzjoni l-ġdida, l-aktar fil-klawsula O sezzjoni 103 li tistabilixxi li l-ilsna uffiċċjali ta' Malta għandhom ikunu l-Ingliż u l-Malti. Bla ma noqogħdu nsemmu jekk dik il-klawsula tissodisfax jew le x-xewqat tal-'Għaqda', jibqa' il-fatt li l-Gvern ta' l-Ingilterra għaraf il-ħtieġa tal-ilsien Malti fl-amministraz-zjoni ta' Malta, aċċettah bħala mezz ta' tagħlim u irrikonoxxieh bħala ilsien nazzjonali ta' dawn il-Gżejjer.*

*Biex l-ilsien tagħna wasal sa dan ir-rikonoxximent kellu jis-tenna mijiet ta' snin u ltaqa' ma żebliħ, tmaqdir u tfixkil bla heda. Dawk li kienu jaqbżu għall-ilsien tagħna raw fuq wiċċhom u ġarrbu tweġħir u ltaqgħu ma' kull għawġ. Imma fl-aħħar iż-żejt tela' f'wiċċ l-ilma, l-ilsien tagħna nfeda mill-jasar qalil li kien fih u l-qniepen daqqew l-aħbar ta' ferħ.*

*Iżda r-rebħa ta' l-ilsien Malti ma kinetx biss motiv ta' foħ-rija għalih, imma kienet gwadann għall-kotra li sabet ħeffa ġdida biex tissieħeb fl-amministrazzjoni tal-pajjiż, biex tifhem l-amar tal-Liġi u biex tiftaħ moħħa b'qari u kitba mhux barranin-ħaliha.*

*Ladraba l-ilsien Malti wettaq dak kollu li kien mistenni minnu u safa' ta' ġid għall-poplu, ma sataxma jsibx post fit-tfassil tal-kostituzzjonijiet li kellna fl-aħħar kwart ta' seklu għax fuq kollox il-kostituzzjoni ma hix ħaġ'oħra ħlief għamla ta' treġija għall-ġid u l-hena tal-poplu, u jekk poplu toftmu mill-ilsien tiegħu tkun qiegħed tagħmillu tort kbir, tirrendih infeliċi u toħnoqlu s-sentiment patrijottiku u nazzjonali.*